MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2003

Citazzjoni Numru. 1538/1998/1

**Jagrove Services Limited**

**Vs**

**Tri-Med Fund Management Limited u b'degriet tal 31 ta' Awissu 2001 l-isem gie mibdul ghal HSBC Fund Management (Malta) Limited.**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' tlett elef disa' mija sebgha u ghoxrin liri Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm3,927.88) rapprezentanti l-bilanc tal-prezz ta' apparat ta' *computer hardware* ('l-apparat') mibjugh mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta

fuq ordni u nkarigu specifiku taghha, liema prezz dovut jirrizulta mill-istatement tas-socjeta' attrici hawn anness u markat dokument ittra 'A' kif sorrett mill-*invoices* mahruga mis-socjeta' attrici hawn annessi u markati dokumenti ittra 'B' sa 'AF' konsekuttivament;

Premess illi ghalkemm mitluba diversi drabi sabiex ihallsu, il-konvenuti baqghu inadempjenti:

Tghid ghalhekk is-socjeta' konvenuta, ghaliex ghar-ragunijiet premessi:

1. Ma ghandhiex din il-Qorti taghti sentenza u tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u hekk tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' Lm3,927.88 hawn fuq imsemmija u dovuta kif intqal aktar 'il fuq;

Bl-imghax, mid-data ta' kull invoice sal-gurnata tal-pagament effettiv, bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat, ta' l-ittra ufficjali responsiva mibghuta nhar il- t'Ottubru 1997, kif ukoll tal-mandat ta' qbid u mandat ta' sekwestru li gew prezentati nhar it-18 ta' Gunju 1998, kollox kontra s-socjeta' konvenuta li minn issa r-rapprezentanti taghha huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat **in-nota ta' eccezzjonijiet** prezentata fit-2 ta' Frar, 1999, a fol. 40 fejn is-socjeta' konvenuta eccepiet:

1. Illi s-socjeta' attrici kienet obbligat ruhha li tbiegh lis-socjeta' konvenuta apparat ta' *computer hardware*, flimkien ma' l-accessorji u dak kollu li kellu jservi ghall-uzu ta' l-apparat innifsu, inkluz is-*software*, il-licenzji u c-certifikati ta' awtenticita' ghall-uzu ta' l-istess;

2. Illi s-*software*, il-licenzji u c-certifikati li s-socjeta' attrici kkunsinnat lis-socjeta' konveuta, ma setghux jintuzaw legalment;

3. Illi l-apparat ta' *computer hardware* kkunsinnat mis-socjeta' attrici ma kienx tal-kwalita' pattwita u kien kolpit ukoll minn diversi difetti latenti;

4. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta’ eccipjenti qeda tivvanta diversi pretensjonijiet kontra s-socjeta’ attrici konsistenti f’danni illi sofriet u ghalhekk ikun opportun illi jigu likwidati dawn id-danni sabiex jigi stabbilit min verament ghandu jaghti lil min;

Salv, jekk ikun il-kaz, eccezzjoniet ohra.

**KONTROTALBA**

Is-socjeta’ konvenuta inqdiet bic-citazzjoni attrici u pprezentat kontro-talba u ppremettiet (ara fol. 44):

Peress illi s-socjeta’ attrici kienet obbligat ruhha li tbiegh lis-socjeta’ konvenuta apparat ta’ *computer hardware* flimkien ma’ l-accessorji u dak kollu li kellu jservi ghall-uzu ta’ apparat innifsu, inkluz is-*software*, il-licenzji u c-certifikati ta’ awtenticita’ ghall-uzu ta’ l-istess;

Peress illi s-*software*, il-licenzji, u c-certifikati illi s-socjeta’ attrici kkunsinnat lis-socjeta’ konvenuta, ma setghux jintuzaw legalment;

Peress illi l-apparat ta’ *computer hardware* kkunsinnat mis-socjeta’ attrici ma kienx tal-kwalita’ pattwita u kien kolpit ukoll minn diversi difetti latenti;

Peress illi bhala rizultat ta’ din l-inadempjenza da parti tas-socjeta’ attrici, is-socjeta’ konvenuta sofriet danni li ghalihom hija unikament responsabbli l-istess socjeta’ attrici.

Tghid ghalhekk is-socjeta’ attrici ghar-ragunijiet premessi ghaliex ma ghandux jigi dikjarat minn din l-Onorabbli Qorti:

1. Jigi dikjarat u deciz illi hija responsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta’ konvenuta.

2. Jigu likwidati d-danni kollha sofferti mis-socjeta’ konvenuta; u

3. Konsegwentement l-istess socjeta' attrici tigi kkundannata thallas lis-socjeta' konvenuta dik is-somma illi tigi hekk likwidata.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra s-socjeta' attrici li hija minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

**Eccezzjonjiet ghal kontrotalba.**

Illi s-socjeta' rikonvenuta pprezentat l-eccezzjonijiet taghha ghall-kontro-talba imressqa mis-socjeta' rikonvenjenti (fol.110) fejn eccepiet:

IIlli preliminarjament l-azzjoni diretta kontra **Jagrove Services Limited** minhabba li l-oggetti mibjugha kienu milquta minn diversi difetti latenti hija preskritta ai termini ta' l-artikolu 1431 tal-Kodici Civili Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fil-mertu, l-oggetti kollha mibjugha minn **Jagrove Services Limited**, inkluz is-*software* kienu oggetti debitament licenzjati u setghu jintuzaw legalment.

Illi l-oggetti kollha mibjgha lil **Tri-Med Fund Management Limited** (illum **HSBC Fund Management (Malta) Limited**, kienu oggetti tal-kwalita' pattwita u li kienu skond l-ordnijiet u specifikazzjonijiet mitluba mill-istess **Tri-Med Fund Management Limited** u dan huwa muri mill-fatt illi l-istess apparat ghadu jigi uzat minn **Tri-Med Fund Management Limited** sal-gurnata tal-lum.

Illi ghalhekk **Tri-Med Fund Management Limited** ma sofriet ebda danni.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Illi b-digriet tal-31 ta' Awissu 2001, l-isem tas-socjeta' konvenuta gie mibdul ghal **HSBC Fund Management (Malta) Limited** (fol 186).

Ghalkemm fil-verbal tat- 22 ta' Jannar, 2001 (fol.176) jinghad li l-partijiet jaqblu li ghal mument l-provi f'dina l-kawza kellhom jigu diretti fuq l-eccezzjonijiet fil-kontrotalba; b'verbal iehor a fol. 293 l-avukati difensuri qablu li dina l-kawza l-provi li ngabru jirrigwardaw l-eccezzjonijiet u l-mertu u ghalhekk il-kawza thalliet ghas-sentenza fuq kollox.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill-Avukati difensuri jittrattaw:

**FATTI**

Kienu saru ordnijiet lis-socjeta' attrici mis-socjeta' konvenuta ghal artikoli assocjati ma' *computers* fosthom *hardware* u sistemi ta' *software*. L-ewwel ordni ghal tliet (3) *computers* bl-istallazzjoni tas-*software* **Windows '95** saret fil-25 ta' Novembru, 1996 u dan kif jirrizulta minn dokument esebit a fol. 219. Illi fit-2 ta' Dicembru, 1996 is-socjeta' attrici kkonsenjat lis-socjeta' konvenuta dawn il-computers bl-istallazzjoni tas-*software* **Windows '95**. Il-konvenuti regghu ghamlu ordni ohra ghal erba' *computers* minghand is-socjeta' konvenuta, liema *computers* gew konsenjati fl-10 ta' Dicembru, 1996. B'kollox gew ordnati seba' *computers*.

Fit-12 ta' Dicembru, 1996, is-socjeta' konvenuta talbet lis-socjeta' attrici tibdlilha s-sistema tas-*software* minn fuq is-seba' *computers* ordnati u konsenjati. It-tibdil fis-*software* kellu jsir minn dak **ta' Windows '95** ghal **Windows NT4**.

Flimkien mas-sistema l-gdida tas-*software*, is-socjeta' konvenuta ordnat ukoll minghand is-socjeta' attrici *software* wiehed (1) bl-isem ta' **Windows Workstation NT 4** u ghaxar (10) licenzji addizzjonali **Windows NT** ghall-prezz komplessiv ta' Lm 1, 481.20 kif jirrizulta minn dokument esebit a fol. 17.

Flimkien ma' din il-bidla fis-*software*, is-socjeta' konvenuta ordnat ukoll *upgrade* fis-sistema tas-seba' *computers* konsenjati ghall-prezz ta' Lm475.48 u dan kif jirrizulta minn dokument esebit a fol. 16. Is-seba' computers gew installati b'sistema differenti ta' *software* u cioe' **Windows NT**.

**N T Licences**

Fl-14 ta' Jannar, 1997 is-socjeta' attrici kkonsenjat lis-socjeta' konvenuta licenzja ghal wahda **Windows NT**. Jidher illi mix-xahar ta' Jannar sa Mejju 1997, is-socjeta' konvenuta interpellat lis-socjeta' attrici diversi drabi ghall-konsenja tar-rimanenti licenzji, madankollu s-socjeta' attrici baqghet inadempjenti. Dan id-dewmien fil-konsenja taghhom gie spjegat minn Paul Berman fl-affidavit tieghu a fol. 128.

F'Mejju tas-sena 1997, is-socjeta' attrici kkonsenjat hames (5) kopji ta' *software Windows NT Licences* markati *for distribution only with New PC Hardware* u dan kif jirrizulta minn dokument li jinsab a fol. 225.

Peress illi s-sistema tas-*software* il-gdida ma setghetx tigi installata fuq *computers*, is-socjeta' konvenuta talbet lis-socjeta' attrici sabiex tiehu l-kopji lura peress illi dawn il-licenzji ma setghux jintuzaw. Min-naha l-ohra s-socjeta' attrici rribadiet illi l-kopji li kkonsenjat setghu jintuzaw legalment u li setghu ukoll jigu stallati fuq *computers* mhux godda. In oltre, min-naha taghha, is-socjeta' konvenuta talbet lis-socjeta' attrici ghal konferma fuq dan minn agent tal-Microsoft f'Malta.

Is-socjeta' **Star Components Co. Ltd**, permezz ta' fax datat 22 ta' Mejju 1997, informat lis-socjeta' attrici illi fl-opinjoni taghha ma kien hemm ebda diffikulta sabiex jinbidel is-*software* minn **Windows '95** ghal **Windows NT 4**. Jirrizulta illi din il-korrispondenza ma ssodisfatx lis-socjeta' konvenuta. Ghall-kuntrarju l-opinjoni li gabet is-socjeta' konvenuta kienet wahda differenti. Peress illi din il-konferma ma nghatatx mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta, ta' l-ahhar irrifjutat illi thallas.

**Microsoft Office 1995**

Jirrizulta illi kien hemm ukoll problemi b'hames (5) **Microsoft Office 95** *software*. Is-socjeta' konvenuta dahlilha suspett illi lanqas dan is-*software* ta' l-ahhar ma kien awtentiku. Is-socjeta' konvenuta osservat illi l-ebda wahda mill-pakketti ma kellhom l-istandard *end-user licence agreement*, jew ic-certifikat ta' l-awtenticita', jew registrazzjoni. Permezz ta' dokument a fol. 241, is-socjeta' konvenuta talbet lis-socjeta' attrici konferma ta' awtenticita'. Fil-fatt is-socjeta' konvenuta tikkontendi illi ghall-ebda tip ta' *software* ma rceviet din il-konferma relattiva ta' awtenticita'.

**Problemi dwar l-equipment**

In oltre, is-socjeta' konvenuta tghid illi ghal seba' xhur shah, hija ltaqghet ma diversi problemi fil-makkinarju u kif jirrizulta mill *fault diary* ezibit vide fol. 57 sa fol. 66, fejn parti mill-*faults* huma relatati mal-makkinarju konsenjat mis-socjeta' attrici u servizzi ohra.

**Danni**

In oltre, is-socjeta' konvenuta qeghdha tirreklama danni illi hija sofriet minhabba l-hsarat u dewmien fis-sistema inefficjenti li gie konsenjat lilha. Hija kkommissjonat lis-socjeta' **SE Link Limited** sabiex tindika l-hsarat sofferti minnha u taghmel ukoll xi rakkomandazzjonijiet biex is-sistema ssir aktar efficjenti. Il-hsarat inkorsi mis-socjeta' konvenuta flimkien ma' l-ammonti li thallsu lis-socjeta' attrici u meta tnaqqas l-ammont dovut lis-socjeta' attrici jwassal ghall-ammont ta' elfejn, tmien mija erbgha u sebghin lira u sitta u sittin centezmu (Lm2, 874.66). Dan hu l-ammont li s-socjeta' konvenuta illikwidat bhala danni minnha sofferti u talbitu fil-kontrotalba.

Min-naha taghha s-socjeta' attrici tikkontendi illi l-oggetti kollha mibjugha minnha inkluz is-*software* kienu kollha debitament licenzjati u setghu jintuzaw legalment. In

oltre, l-oggetti kienu tal-kwalita’ pattwita u li kienu skond l-ordnijiet u specifikazzjonijiet mitluba mill-istess socjeta’ konvenuta u illi l-istess apparat ghadu qed jigi uzat mis-socjeta’ konvenuta.

Is-socjeta’ attrici ghanda r-riservi taghha dwar il-*Fault Diary* u tenfasizza illi l-*faults* in kwistjoni huma negligibbli. Paul Berman jaghmel referenza ghal inkontru tat-22 ta’ Mejju, 1997 fejn Nikki Curmi mis-socjeta’ konvenuta ma baqghetx tinsisti li ma riditx is-sistemi ghax kienu relattivament gholjin imma li ma setghux jintuzaw legalment. Curmi insistiet mieghu illi kieku Berman kellu jikkonferma l-legalita’ taghhom, is-socjeta’ konvenuta kienet taccettahom u thallas ghalihom.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**Kontrotalba**

Il-Qorti ser tibda billi tikkunsidra din it-talba rikonvenzjonali tas-socjeta' konvenuta. Is-socjeta' attrici tirritjeni li din it-talba hija legalment improponibbli.

Il-Qrati Taghna f'diversi okkazzjonijiet irritenew li jekk il-venditur jikkonsenja haga li m'hijiex tal-kwalita’ pattwita l-kumpratur jista' jaghzel **jew** li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni **jew** altrimenti li jirceviha bi tnaqqis fil-prezz fuq stima ta' periti u li din l-azzjoni hija preskrivibbli b'eghluq ta' sentejn mill-bejgh (**ara Emanuel Borg vs John Xuereb App. Civ. 25 ta' Jannar 1989 Vol LXX111 p 260, u Andrew Camilleri et nomine vs Daniel Edwin Sayles Prim'Awla 27.6.03).**

F'sentenza ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tat-**28 ta' Gunju 2001 fil-kawza fl-ismijiet J. C. Hydraulics Limited vs Waste Control Services Limited** fejn giet proposta talba rikonvenzjonali ghad-danni bhal dik proposta mis-socjeta' konvenuta fil-kawza odjerna il-Qorti qalet is-segwenti:-

*"Illi ghalhekk jirrizulta li l-kontro-talba kif inhi imposta ma ghandha ebda bazi guridika u t-talbiet hemm kontenuti ma*

*jistghux jintlaqghu peress illi tali azzjoni hi improponibbli, u dan dejjem fl-ambitu ta' azzjoni naxxenti minn bejgh, fejn l-unici azzjonijiet li huma disponibbli ghall-kompratur huma l-azzjoni dwar il-pacifiku pussess u difett latenti skond l-artikolu 1427 u l-azzjoni fuq indikata li l-oggett mhux tal-kwalita` pattwita abbazi tal-artikolu 1390 tal-Kap 16".*

Illi dan gie kkonfermat fis-sentenza fl-ismijiet **"Nadia Cassar et vs Charles Pace noe" (K. JDC. 13 ta' Marzu 1995),** fejn inghad illi l-azzjoni ta' danni proposta mill-kompratur huma biss dawk elenkati fl-istess Kodici Civili taht it-taqsima 2 titolu 6 sub-titolu 4 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan abbazi tal-insenjament maghmul fis-sentenza **"Scicluna vs Scerri" (K. 16 ta' Jannar 1958 - XLII.ii.855),** fejn inghad illi: *"l-opinjoni preponderanti hija li si tratta ta' regoli specjali li ghandhom ghalhekk jipprevalu ghad-disposizzjonijiet generali li jirregolaw il-kuntratti; u li la darba l-ligi stess iddeterminat l-effetti tal-vizzji, m'ghandhomx jigu moghtija lix-xerrej, drittijiet, u lill-venditur imposti oneri, akbar minn dawk indikati bil-ligi."*

Illi fl-istess sens hija s-sentenza fl-ismijiet "Anthony McKay vs Alfred Cassar" (K. (JF) 10 ta' Dicembru, 1992), fejn gie kkonfermat li l-azzjoni ta' danni ma tistax tirnexxi minflok l-*actio aestimatoria* u/jew *redhibitoria* jew l-azzjoni skond l-artikolu 1390."

Illi ghalhekk jirrizulta li tali azzjonijiet fuq deskritti huma l-unici permissibbli lix-xerrej.

Illi mill-ezami tal-kontro-talba jirrizulta li dina l-azzjoni saret biss a bazi ta' danni ex contractu skond il-principji generali tal-kuntratti u differenti mill-ligi specjali u azzjonijiet ad hoc permissibbli. Skond l-artikolu 1390 l-azzjoni ta' danni tista' biss tirnexxi jekk ix-xerrej jaghzel li jirrifjuta l-haga, li ovvjament is-socjeta' konvenuta ma ghamlitx anzi baqghet tuza l-istess apparat li baqa' ghandha, u ghalhekk l-azzjoni taht l-artikolu 1390 ma tistax tirnexxi. Fil-kaz ta' l-artikolu 1427 relattiv ghall-*actio redibitorja* u l-*actio estimatorija*, id-danni japplikaw biss fil-kaz ta' malafede da parti tal-bejjiegh, li mhux premess f'dan il-kaz (Vol 32 p1 p 163).

Il-Qorti tiddeciedi wkoll, li ghar-ragunijiet premessi, jkun inutili li tigi kkunsidrata l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mis-socjeta' attrici fil-konfront tal-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta.

Ghalhekk il-Qorti tiddeciedi li a bazi tal-premess it-talbiet tas-socjeta’ konvenuta fil-kontro-talba taghha ghandhom jigu respinti.

**Talba attrici**

Is-socjeta’ konvenuta qed teccepixxi li s-socjeta’ attrici kienet obbligat ruhha li tbiegh lis-socjeta’ konvenuta apparat ta’ *computer hardware*, flimkien ma’ l-accessorji u dak kollu li kellu jservi ghall-uzu ta’ l-apparat innifsu, inkluz is-*software*, il-licenzji u c-certifikati ta’ awtenticita’ ghall-uzu ta’ l-istess izda rrizulta li s-*software*, il-licenzji u c-certifikati li s-socjeta’ attrici kkunsinnat lis-socjeta’ konveuta, ma setghux jintuzaw legalment.

Jirrizulta mill-provi li fit-2 ta' Dicembru. 1996 is-socjeta' attrici fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta kkonsenjat tliet computers. Imbaghad fil-bidu ta' Jannar tal-1997 ikkonsenjat erba' computers ohra, ilkoll bis-sistema ta' *software* installata tat-tip **Windows 95** u li eventwalment giet mibdula ghal wahda bis-sistema ta' *software* bl-isem ta' **Windows NT** mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta. Jirrizulta wkoll illi fit-12 ta' Dicembru, 1996, saret ordni ohra ghall-pakkett ta' *software* tat-tip **Windows Workstation NT 4** flimkien ma' ghaxar *user licenses* addizzjonali. Is-socjeta' konvenuta qatt ma ordnat is-sistema ta' l-**OEM's** minflok is-sistema tal-**Windows 95**. Il-Microsoft ghandha *End User Agreements* differenti ghaz-zewg sistemi. Illi l-**OEM** *software* provdut lis-socjeta' konvenuta mis-socjeta' attrici, jista' biss jigi installat jekk *it is accompanied by a new computer system or computer component system* u dan kif jirrizulta mill-*Microsoft End User Licence Agreement*. Il-prodott ordnat ma fihx din ir-restrizzjoni. Ghalhekk is-socjeta' konvenuta riedet biss tassigura illi jkollha licenzji addizzjonali sabiex tkun tista' tinstalla s-sistema tas-*software* fuq il-computers.

Apparti minn dan il-verzjoni tal-**Windows Workstation NT 4** giet konsenjata f'Jannar, 1997 u l-ghaxar licenzji ma gewx konsenjati sas-7 ta' Frar 1997 kif weghdet li se taghmel is-socjeta' attrici. Minflok, f'Mejju 1997 is-socjeta' attrici pproponiet illi tinstalla sistemi ta' **OEM's** li qatt ma kien hemm qbil illi jigu mixtrija. Is-socjeta' konvenuta ma kinitx obbligata taccetta dawn il-prodotti ta' *software*, peress illi qatt ma kien hemm qbil fuq dan. In oltre, ghandu jigi rilevat illi s-socjeta' attrici, ghalkemm mitluba, ma gabitx prova dwar l-awtenticita' tal-prodotti minnha konsenjati, u ghalhekk is-socjeta' konvenuta kellha kull ragun tissuspetta dwar in-nuqqas ta' awtenticita' ta' dawn il-prodotti

L-istess jista' jinghad dwar il-**Microsoft Office 95**. Is-socjeta konvenuta qed tikkontendi li l-ebda wiehed mill-*packages* ma kellu l-*istandard end-user license agreement* jew certificate *of authenticity or registration card.* Fl-ewwel ta' Lulju, 1997 kienu infurmaw lis-socjeta' attrici li jekk huma ma jinghatawx konferma bil-miktub minghand l-agent tal-Microsoft li l-packages kienu verament originali, huma ma kienux ser jaccettawhom. Fil-fatt is-socjeta' attrici dana ma ghamlitux.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi, il-Qorti qeghdha tilqa' l-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta rigwardanti dawn l-oggetti kontestati.

Illi pero jirrizulta li mid-dokumentazzjoni ezibita, ara fol. 218A, li s-socjeta' konvenuta qed tammetti li hija ghandha taghti s-somma ta' Lm2,617 lis-socjeta' attrici bhala *amount owed to Jagrove on non-contended items*.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi

billi tichad il-kontrotalba tas-socjeta' konvenuta
spejjez ghas-socjeta' konvenuta

U tilqa’ t-talba attrici limitatament ghas somma ta’ elfejn sitt mija u sbatax il-lira Maltin (Lm2,617);

Bl-ispejjez kwantu ghal terz ghall-atturi u zewg terzi ghall-konvenuti.

Bl-imghax mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------